MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 464/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jeffrey Savage**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jeffrey Savage talli f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Jannar 2003, u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

a) assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (ecstasy) f'dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni

Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, jew li jippromovu, jikkostitwixxu, jorganizzaw jew jiffinanzjaw l-assocjazzjoni;

b) ikkonsenja medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) lil xi persuna ohra li ma kienx spizjar dirigenti jew ma kienx xort'ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu dik il-medicina bi ksur tar-regolament 10(2) ta' l-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x' jaqsmu maghha, Kap. 31 u l-artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985, kif sussegwentement emendati;
c) kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstasy), meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-Regolament 5(1) ta' l-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x' jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985 kif emendat, <u>liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu</u>;

d) biegh jew offra li jbiegh droga ristretta u psikotropika (ecstasy) kontenenti s-sustanza (methlenedioxy amphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-Tielet Skeda, parti (9) ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikun fil-pussess ta' l-imsemmija sustanza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imsemmi Jeffrey Savage jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Jeffrey Savage hati skond l-akkuza bit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet assorbiti

fl-ewwel (1) u fit-tielet (3) imputazzjonijiet u, wara li rat l-artikoli 22(1)(a)(d)(f), 22(1)A u (1)B, 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, regolamenti 10(2) u 5(1) ta' l-Avviz Legali 22 ta' l-1985 kif emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjonijiet Medika u Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985 u parti (9) ta' dik l-Ordinanza, Skeda Tlieta, u kkundannatu hames (5) snin prigunerija u multa ta' hamest elef euro (€5000). Di piu` l-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-proprjeta` mobbli jew immobbli ta' l-imsemmi Jeffrey Savage li taghhom kien proprjetarju qabel it-28 ta' Jannar 2008;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Jeffrey Savage pprezentat fit-2 ta' Novembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (i) tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija jew (ii) alternattivament u minghajr pregudizzju, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tirriformaha in kwantu ghall-piena, billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda l-ewwel zewg aggravji ta' l-appellant.

Permezz ta' l-ewwel aggravju tieghu l-appellant isostni li l-proceduri kontra tieghu huma kollha nulli u bla effett u ghandu jigi dikjarat mhux hati u lliberat minn kull imputazzjoni u htija. L-appellant jirreferi fl-ewwel lok ghall-ordni ta' l-Avukat Generali skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 120A mahrug fit-30 ta' Jannar 2003 (a fol. 8) sabiex l-appellant jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali.

Jirreferi mbaghad ghall-ordni mahrug mill-Avukat Generali fit-12 ta’ Frar 2004 a tenur ta’ l-istess subartikolu (a fol. 306). L-appellant jghid illi bis-sahha ta’ l-artikolu 120A(2C) l-Avukat Generali jista’ johrog kontro-ordni sabiex ivarja l-ordni tieghu mahrug a tenur ta’ l-artikolu 120A(2). L-ordni tat-12 ta’ Frar 2004, jghid l-appellant, juri bic-car li l-ordni hu mahrug a tenur ta’ l-artikolu 120A(2) u mhux 120A(2C), u dan mhuwiex dovut ghal *lapsus calami*. Skond l-appellant, l-artikolu 120A(2C) tal-Kap. 31 jirrikjedi li tkun segwita procedura specjali li mill-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Marzu 2004 jirrizulta li ma gietx segwita. L-appellant ikompli jissottometti li n-nuqqas ta’ kontro-ordni jwassal ghal sejbein ta’ htija llegali ghax il-Qorti b’hekk ma tkunx taf b’liema imputazzjonijiet l-Avukat Generali jkun qieghed jakkuza lill-imputat. Inoltre a bazi ta’ dak li rriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Joseph Portelli** moghtija fit-22 ta’ Dicembru 2006 (f’cirkostanzi fejn il-procedura ma tkunx segwita) il-proceduri huma nulli u bla effett.

Issa, skond is-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 120A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, kull persuna akkuzata b’reat kontra l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha ghandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skond kif jordna l-Avukat Generali. Is-subartikolu (2C) ta’ l-imsemmi artikolu 120A pero` mbaghad jipprovdi:

“Minkejja li l-Avukat Generali jkun ordna skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), li persuna tigi processata mill-Qorti Kriminali, huwa jista’, f’kull zmien qabel ma jipprezenta l-att ta’ l-akkuza, jew f’kull zmien wara li jipprezenta l-att ta’ l-akkuza u qabel ma jintaghzel il-guri, u bil-kunsens ta’ l-akkuzat, jordna li dik il-persuna tigi processata quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u malli jsir dak l-ordni l-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta’ gudikatura kriminali tkun kompetenti li tipprocessa lil dik il-persuna daqslikieku ma jkun inghata ebda ordni qabel. Meta l-Avukat Generali jkun ta ordni gdid bhal dak wara l-prezentata ta’ l-att ta’ l-akkuza, ir-registratur tal-Qorti Kriminali ghandu jara li l-inkartament jintbaghat lill-Qorti

tal-Magistrati, u jara li kopja ta' l-ordni ta' l-Avukat Generali tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija."

L-ordni tat-12 ta' Frar 2004 jirreferi ghas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 120A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta. L-intenzjoni ta' l-Avukat Generali, pero`, tidher cara mill-ahhar paragrafu ta' l-ordni, u cioe` li l-appellant "jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali". Jigifieri m'hemm l-ebda dubju li l-Avukat Generali kien qieghed jaghmel kontro-ordni – u effettivament, galadarba diga` kien hemm l-ordni originali maghmul a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 120A, ma jaghmilx sens li jerga' jinhareg ordni iehor a tenur ta' l-istess subartikolu. Ghalhekk din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li dan kien kaz ta' *lapsus calami* ossia *lapsus computeri*. Fl-istess hin din il-Qorti qed tattira l-attenzjoni ta' l-Avukat Generali biex tigi prestata aktar attenzjoni sabiex ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' nuqqasijiet simili.

L-appellant jghid li l-procedura specjali kontemplata fis-subartikolu (2C) ta' l-artikolu 120A ma gietx segwita u jirreferi ghall-verbal tas-seduta tal-11 ta' Marzu 2004. Skond dak il-verbal (a fol. 300) li gara f'dik is-seduta kien li nqara l-kontro-ordni u l-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza. Fil-fatt ma kellu ghalfejn isir xejn aktar. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Joseph Portelli** tat-22 ta' Dicembru 2005, intqal:

**"Fl-udjenza tas-17 ta' Lulju 1998 quddiem il-Qorti Inferjuri – issa allura bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – l-imputat iddikjara li huwa ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja – dikjarazzjoni alkwantu superfluwa f'dan il-kaz stante li l-kontro-ordni tal-Avukat Generali huwa vinkolanti u ma jirrikjedix il-kunsens tal-imputat bhalma tirrikjedi n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht il-Kodici Kriminali meta si tratta ta' reat li ghandu piena ta' aktar minn sitt xhur prigunerija."**

Stante li l-kontro-ordni nghata, l-appellant kien jaf precizament liema kienu l-imputazzjonijiet li jrid jirrispondi ghalihom, u cioe` dawk dedotti kontra tieghu mill-Pulizija Ezekuttiva. In effetti huwa xehed quddiem l-ewwel Qorti, ipproduca x-xhieda li dehrlu mehtiega, u saret it-trattazzjoni – li tinsab traskritta – u mnejn ma jirrizultax li tqajmet xi kwistjoni dwar il-kontro-ordni.

B'referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v. Anthony Joseph Portelli** li l-appellant isemmi biex isostni l-punt tieghu li l-procedura ma gietx segwita, din il-Qorti ezaminat l-imsemmija sentenza u minnha jirrizulta li f'dak il-kaz kien hemm sensiela shiha ta' zbalji procedurali – l-ebda wahda minnhom ma kienet tirrigwarda xi zball f'xi artikolu.

Konsegwentement l-ewwel aggravju huwa michud.

Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> tieghu l-appellant jibda biex jirreferi ghall-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jesigi li l-Qorti ghandha ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat li tieghu persuna tkun instabet hatja. L-appellant jghid illi ghalkemm huwa ma giex akkuzat bi ksur ta' provvedimenti tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa nstab hati mill-ewwel Qorti ta' reati kontemplati f'dik il-ligi. Barra minn hekk, l-artikolu 120A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, fin-numru ta' sub-incizi tieghu jressaq 'il quddiem varji delitti li lkoll jesigu *actus reus* u *mens rea* differenti; ghalhekk meta Qorti tasal biex tiddikjara sejbien ta' htija, trid tispecifika liema huma s-subincizi li gew vjolati, ezercizzju li l-ewwel Qorti ghamlet ghar-rigward delitti li jemergu mill-Kap. 101 meta l-appellant ma kienx akkuzat bihom. L-appellant b'hekk jissottometti li bil-fatt li l-ewwel Qorti semmiet biss l-artikolu 120A tal-Kap. 31, ma giex sodisfatt il-vot ta' l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali peress illi la hu u lanqas il-prosekuzzjoni ma huma konxji ta' liema delitti a bazi ta' din il-ligi l-appellant instab hati.

L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub**

**hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."**

Skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti, in-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita` tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali. F'kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata[1].

Issa, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' l-akkuza dedotta, jigifieri ta' l-erba' imputazzjonijiet addebitati lilu, u ccitat s-segwenti artikoli u regolamenti :

(i) l-artikoli 22(1)(a)(d)(f), 22(1)A u (1)B, 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) regolamenti 10(2) u 5(1) ta' l-Avviz Legali 22 ta' l-1985 kif emendat;
(iii) l-artikoli 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjonijiet Medika u Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha;
(iv) l-artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985; u
(v) parti (9) ta' l-Ordinanza dwar il-Professjonijiet Medika u Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Skeda Tlieta.

Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi l-appellant ghandu ragun jghid illi l-artikoli citati mill-ewwel Qorti taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' dan il-kaz. L-appellant fil-fatt gie akkuzat bi ksur tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u regolamenti maghmulin taht dik il-ligi. Din il-Qorti ma tistax imbaghad ma tattirax l-attenzjoni, ghall-fini ta' korrettezza biss, illi l-ewwel Qorti ghamlet referenza erroneja ghall-artikoli 22(1)A u (1)B tal-Kap. 101 – ir-referenza kellha semmai tkun ghall-artikoli 22(1A) u 22(1B).

---

[1] Ara l-Appelli Kriminali fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Donald Cilia**, 24 ta' April 2002; **Il-Pulizija v. Benjamin Muscat**, 28 ta' Gunju 2002 u 10 ta' Lulju 2002; **Il-Pulizija v. Joseph Zahra**, 9 ta' Settembru 2002; **Il-Pulizija v. Paul Cachia**, 25 ta' Settembru 2003; **Il-Pulizija v. Mark Portanier**, 14 ta' Settembru 2004; **Il-Pulizija v. John Axiaq et**, 19 ta' Mejju 2005; **Il-Pulizija v. Stefan Abela**, 2 ta' Frar 2006; **Il-Pulizija v. Anthony Borg**, 1 ta' Gunju 2006.

L-ewwel Qorti ghamlet ukoll referenza ghar-regolamenti 10(2) u 5(1) ta' l-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 kif emendat. Ir-regolament 10(2) jipprovdi: **"Is-Suprintendent jista', ghall-fini tal-kontroll tal-medicini, jiccirkola lill-ispizjara dirigenti kollha kopja ta' kull ezemplari tal-firma bhal dik li tkun fil-pussess tieghu."** Evidentement, dan ir-regolament m'ghandu x'jaqsam xejn ma' l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant. Kwantu mbaghad ghar-regolament 5(1), dan jipprovdi: "**Ebda persuna, jekk ma tkunx awtorizzata kif imiss, ma jista' jkollha fil-pussess taghha xi medicina specifikata."** Il-medicini specifikati huma dawk elenkati fit-Tieni Skeda li tinsab annessa mar-regolamenti in kwistjoni. L-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant jirreferu ghal medicina ristretta u psikotropika. Il-medicini ristretti huma dawk il-medicini
jew sustanzi kimici mnizzlin fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Ghalhekk ir-regolament rilevanti (minbarra naturalment ir-regolament 2 u l-Ewwel Skeda) huwa ir-regolament 3(1) ta' l-imsemmi Avviz Legali 22 tas-sena 1985, liema regolament jipprojbixxi l-importazzjoni, manifattura, esportazzjoni, xiri, bejgh, uzu u pussess ta' medicina ristretta minghajr awtorizzazzjoni tas-Suprintendent tas-Sahha Pubblika.

L-ewwel Qorti mbaghad rreferiet ghall-artikoli 40A u 120A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 40A huwa *enabling clause*, cioe` dak l-artikolu li jawtorizza lill-Ministru responsabbli ghas-sahha pubblika jaghmel regolamenti. L-artikolu 120A huwa maqsum f'wiehed u ghoxrin subartikolu. L-ewwel subartikolu, f'sitt paragrafi separati, jiddeskrivi diversi fatti jew cirkostanzi li jitqiesu reati. L-appellant ma giex akkuzat bi ksur ta' kull ma huwa kkunsidrat reat bl-imsemmi subartikolu, u ghalhekk l-ewwel Qorti naqset meta ma ndikatx taht liema paragrafu jew paragrafi mis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 120A kienet qed issib il-htija.

L-artikolu 16 ta' l-Att V tas-sena 1985 kien biss disposizzjoni tranzitorju u huwa superfluwu ghall-kaz odjern.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti tirreferi wkoll ghall-parti (9) ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjonijiet Medika u Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Skeda Tlieta. Id-Disa’ Taqsima ta’ l-Ordinanza (li thassret bl-Att XII tas-sena 2003) ma kienet ta’ ebda rilevanza ghall-kaz in ezami peress illi dik it-Taqsima kienet tirrigwarda r-regolamentazzjoni ta’ professjonijiet supplimentari ghall-medicina. Mill-banda l-ohra t-Tielet Skeda Taqsima A hi rilevanti ghax fost il-medicini jew sustanzi kimici elenkati hemm dawk li vulgarment huma msejhin bhala *ecstasy*.

In-nuqqas ta’ l-ewwel Qorti li ssemmi l-artikoli u, f’dan il-kaz ukoll ir-regolamenti, li jikkontemplaw ir-reati li taghhom sabet htija, irendi s-sentenza appellata difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 ghall-validita` ta’ sentenza. Is-sentenza appellata hi ghalhekk nulla. Peress illi l-kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl ta’ l-artikoli u regolamenti rilevanti u applikabbli, din il-Qorti hi tal-fehma, li l-atti ghandhom jigu rimessi lill-ewwel Qorti sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellant, mill-beneficcju tad-doppju ezami.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata, tqieghed lill-appellant fil-pozizzjoni li kien immedjatament qabel ma giet pronunzjata l-istess sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------